MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 1809/2003

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Andrew Aquilina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm154.95), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 682167 liema servizz gie nstallat fil-fond li jgib l-isem « Carmen », Triq Rokku Buhagiar, Zurrieq, skond diversi kontijiet mibghuta, kopja tal-prospett annessa mal-avviz markat Dok.A u kopja tal-kuntratt ghas-servizz markata Dok.B ;**
**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**

**Bl-ispejjez u imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Marzu, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm154.95) bl-imghax legali mill-5 ta' Marzu, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------